**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

MAGISTRAT
**Dr. Victor George Axiak LL.D. Dip. Tax**

27 ta' Lulju, 2020

**Numru 963/2004**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**Vs**

**Patrick Spiteri (K.I. Nru. 43465M)**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-akkuzi dedotti kontra Patrick Spiteri ta' 39 sena, bin Joseph u Maria nee' Borg, imwieled Attard fis-26.12.1964, u li joqghod fl-indirizz: "San Anton", Wardija Hill, Wardija, detentur tal-karta tal-identita' numru 43465M li gie akkuzat:

    a. Talli fis-27 ta' Jannar 2004, u fi zminijiet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda approprija ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' 1,483,500 Dollari Amerikani u 122,575.43 Liri Sterlini, li gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga

jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta' Stuart Creggy;

b. Talli fl-istess cirkustanzi, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex jgieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar 1,483,500 Dollari Amerikani u 122,575.43 Liri Sterlini bi hsara ta' Stuart Creggy;

c. Talli fl-istess cirkustanzi, bi hsara ta' Stuart Creggy, ghamel xi qliegh b'qerq.

2. Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li bihom ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u li tinsab htija taht l-Artikoli 18, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta[1].

3. Rat li fis-seduta tal-1 ta' Frar 2012, inqraw l-Artikoli lill-imputat li min-naha tieghu ta' l-kunsens tieghu ai termini tal-Art. 370(3)(b) u (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta[2].

4. Rat li fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2017 l-avukat tad-difiza qajjem l-eccezzjoni tal-kompetenza tal-Qorti li tkompli tisma' l-kawza billi vverbalizza kif gej: "*jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ingliza li trattat ir-ritorn ta' Patrick Spiteri wara li saru tmien (8) EAWs moghtija fit-30 ta' Settembru 2015 u filwaqt li qed tigi prezentata kopja ta' din is-sentenza f'dawn l-atti, a fol. 25 tas-sentenza senjatament paragrafu 159, hemm miktub espressament li l-EAW numru hamsa (5), li tittratta l-mertu ta' dan il-kaz ossia tal-Parte Civile Stewart Kreggy, l-istess Patrick Spiteri gie rilaxxat u ma kien hemm l-ebda awtorizzazzjoni ghar-ritorn tieghu biex jitkomplew dawn il-proceduri. Kwindi, dejjem in sostenn tal-principju tar-Rule of Speciality, b'kull dovut rispett , din il-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza li tisma' u tiddeciedi dan il-kaz.*"[3]

5. Rat illi fl-istess seduta, il-Qorti kienet ordnat lill-Ufficjal Prosekutur sabiex tipprezenta r-risposta taghha fi zmien hmistax minn dakinhar, bil-visto tal-kontroparti.

---

[1] Fol 140
[2] Fol 276
[3] Fol 345

6. Rat illi din ir-risposta baqghet ma' dahlitx qabel it-8 ta' Marzu 2018 u anke f'din id-data in-natura tar-risposta kienet tali illi taghti lill-Qorti x'jifhem illi ghandha toqghod lura milli taghti d-digriet taghha sakemm il-Prosekuzzjoni tikseb dak li fir-risposta taghha qalet li kienet qed tipprova tikseb. Ghal kull bwon fini r-risposta kienet fis-sens illi *"qed isir esercizzju sabiex titlob permess lill-Awtoritajiet Inglizi sabiex tigi rtirata r-regola tal-ispecjalita' f'dan il-kaz, b'dan illi din l-Onorabbli Qorti ikollha gurisdizzjoni tissokta bis-smiegh ta' din il-kawza"*.

7. Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2019, cioe' aktar minn sena u nofs wara li giet ipprezentata r-risposta mil-Prosekuzzjoni, l-avukat tad-difiza talab lil din il-Qorti taghti d-digriet appozitu. F'din l-istess seduta, il-Qorti kkoncediet opportunita' lill-Prosekuzzjoni sabiex sal-ahhar ta' Novembru 2019 tipprezenta risposta ulterjuri u fin-nuqqas tghaddi ghad-decizjoni.[4]

8. Rat illi l-Prosekuzzjoni ma' pprezentat l-ebda risposta ulterjuri.

9. Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Dicembru 2019 li permezz tieghu wara li l-Qorti qieset li fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz, ikun fl-interess tal-gustizzja li t-talba tal-imputat tigi notifikata ukoll lill-Avukat Generali sabiex dan jirregola ruhu u jekk ihoss il-htiega jirrispondi ghal din it-talba u ghaldaqstant ordnat in-notifika tat-talba tal-imputat u kif ukoll tad-digriet u tal-verbal tas-seduta ta' dakinhar lill-Avukat Generali bil-fakolta' li dan jirrispondi ghat-talba u jittratta dwarha fis-seduta li jmiss.[5]

10. Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza flimkien mad-dokumenti kollha esebiti inkluz id-diversi digrieti tal-assenjazzjoni ta' din il-kawza fosthom id-digriet a fol 380f tal-process li permezz tieghu *inter alia* din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

11. Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza tat-18 ta' Gunju 2020.

## Ikkunsidrat

12. Illi din il-kawza rat il-bidu taghha fid-9 ta' Novembru 2004 meta inhargu l-akkuzi kontra l-imputat u sussegwentement deher l-ewwel darba quddiemha fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2005. Lahqu instemghu diversi xhiedha u l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha. Ghal numru ta' snin l-imputat ma' deherx

---

[4] Fol 384
[5] Fol 386

quddiem il-Qorti u fit-8 ta' Novembru 2014 dan gie arrestat gewwa l-Ingilterra fuq bazi ta' Mandat t'Arrest Ewropew mahrug minn din il-Qorti diversement presjeduta. Fil-20 ta' Novembru 2014 il-Qorti imbaghad harget Mandat ta' Arrest Ewropew fil-konfront tieghu sabiex dan jigi arrestat u estradit lejn Malta ghall-prosekuzzjoni tieghu in konnessjoni mal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu f'din il-kawza[6].

13. Illi fit-30 ta' Settembru 2015 il-*Westminster Magistrates' Court* tat *Ruling* (esebita fil-process) li permezz tieghu *inter alia* ddecidiet illi:

    *"...Patrick Spiteri is discharged in respect of ... EAW 5 (Creggy) ... as I find these warrants not to be sufficiently s.2(4) compliant"*[7]

14. Illi dak li kienet qalet il-Qorti Ingliza fir-*ruling* imsemmi kien fis-sens illi l-Mandat ta' Arrest Ewropew rigwardanti l-mertu ta' dan il-kaz (ossia tal-Parte Civile Stewart Creggy) ma' kienx jissodisfa d-disposizzjonijiet tal-Artiklu 2(4) tal-*Extradition Act 2003* tar-Renju Unit (cioe' l-mandat ma' kienx fih l-informazzjoni mehtiega skond l-istess disposizzjonijiet) u ghalhekk ordnat illi l-imputat jigi *"discharged"* fir-rigward tal-istess mandat ta' arrest Ewropew.

15. Illi l-imputat ingieb Malta u tkomplew kontrih diversi kawzi li kienu pendenti, inkluz din il-kawza.

16. Illi l-eccezzjoni tad-difiza mqajjma fl-14 ta' Novembru 2017 hija fis-sens illi meta l-imputat gie estradit lejn Malta mir-Renju Unit huwa ma' giex estradit sabiex din il-Qorti **tkompli tisma'** l-kaz *de quo* li gie mibdi kontrih precedentement ghall-istess estradizzjoni.

## Ikkunsidrat

17. Illi dak li jinvoka, l-imputat, ossia' l-applikazzjoni tar-*rule of specialty,* tinsab stabbilita fil-ligi Maltija sewwasew fl-Artikolu 66(2) tal-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni (L.S. 276.05), liema Ordni kellha tittrasponi fil-ligi Maltija l-*Council Framework Decision of 13 June 2002 on the European arrest warrant and the surrender procedures between Member States (2002/584/JHA).*

[6] Fol 327-334

[7] Fol 25 tar-*Ruling*

18. Illi l-Artikolu 66 japplika ghal persuna li tigi estradita lejn Malta minn pajjiz skedat bis-sahha ta' mandat mahrug taht Taqsima III tal-istess Ordni. L-Artikolu 66(2) jipprovdi kif gej:

*"66(2) Tista' tittieħed azzjoni kontra persuna f'Malta għal reat li tkun għamlet qabel l-estradizzjoni biss jekk -*

*(a) ir-reat jaqa' taħt is-subartikolu (3), jew*

*(b) tkun sodisfatta l-kondizzjoni fis-subartikolu (4)."*

19. Illi l-eccezzjonijiet ghall-applikazzjoni tar-*Rule of Speciality* huma ghalhekk dawk elenkati fis-subartikolu (3) u (4) tal-Artikolu 66 tal-Ordni.

20. Illi r-reati elenkati fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 66 tal-Ordni huma s-segwenti:

   a. ir-reat li l-persuna titreġġa' lura dwaru;
   b. reat żvelat mill-informazzjoni mogħtija lill-pajjiż msemmi dwar dak ir-reat;
   c. reat ta' estradizzjoni li dwaru jingħata l-kunsens, f'isem il-pajjiż skedat, lill-persuna li tkun qegħda tittieħed azzjoni dwarha;
   d. reat li mhux punibbli bi priġunerija jew xi forma oħra ta' detenzjoni;
   e. reat li dwaru l-persuna ma tinżammx (ossia tigi detenuta) f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċedimenti fil-qorti kontriha, sentenza jew appell;
   f. reat li dwaru l-persuna twarrab id-dritt li kieku hija jkollha (li ma kienx għal dan il-paragrafu) li ma titteħidx azzjoni dwarha għal dak ir-reat

21. Illi l-eccezzjoni l-ohra tinstab fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 66 tal-Ordni u taqra kif gej:

*"... l-persuna tkun ingħatat opportunità li titlaq minn Malta u (a) ma tkunx għamlet dan qabel tmiem-il perjodu permess, jew (b) tkun għamlet dan qabel tmiem-il perjodu permess u tkun irritornat lejn Malta."*

22. Illi l-eccezzjonijiet fuq imsemmija huma simili, iżda mhux identiċi, ghal dawk li nsibu fil-*Council Framework Decision* fuq imsemmi. Ir-regola principali tal-ispecjalita' tinsab fl-Artiklu 27.2 li jaqra kif gej:

*"Ħlief fil-każijiet imsejħin fil-paragrafi 1 u 3, persuna ċeduta ma tistax tiġi pproċessata, mogħtija sentenza jew f'xi mod ieħor miċħuda mil-libertà tiegħu*

*jew tagħha għal offiża mwettqa qabel iċ-ċediment tiegħu jew tagħha barra dik għal liema l-persuna kienet ġiet ċeduta"*

L-eccezzjoni f'paragrafu 1 (ossia Art. 27.1) tistipula illi: *"Kull Stat Membru jista' jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal- Kunsill li, fir-relazzjonijiet tiegħu ma' Stati Membri oħra li taw l-istess notifikazzjoni, il-kunsens hu kkunsidrat li ġie mogħti għall-prosekuzzjoni, l-għoti ta' sentenza jew d-detenzjoni bil-għan li tiġi esegwita sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni għal offiża mwettqa qabel iċ-ċediment tiegħu jew tagħha, barra dak għal liema hu jew hi kien ġie ċedut jew ġiet ċeduta, sakemm f'każ partikolari l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi tiddikjara mod ieħor fid-deċiżjoni tagħha fuq iċ-ċediment"*

F'dan ir-rigward, la l-Ingilterra u lanqas Malta ma' taw notifika lill-Kunsill fuq tali kunsens b'mod ġenerali. Filfatt huma l-Awstrija u l-Estonja l-unika żewġ Stati Membri li taw tali notifika matul is-snin.

L-eccezzjonijiet f'paragrafu 3 (ossia Art. 27.3) jaqraw hekk:

a. meta l-persuna wara li kien kellha opportunità biex titlaq mit-territorju ta' l-Istat Membru lil liema ġiet ċeduta ma għamlitx hekk fiż-żmien ta' 45-il ġurnata mir-rilaxx finali tagħha, jew ritornat għal dak it-territorju wara li telqet minnu;
b. l-offiża mhijiex punibbli minn sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni;
c. il-proċeduri kriminali ma jikkawżawx l-applikazzjoni ta' miżuri li hi ta' restrizzjoni għal-libertà personali;
d. meta l-persuna setgħet tkun suġġetta għal piena jew miżura li tirrestrinġi l-libertà personali, partikolarment piena finanzjarja jew miżura minflok din, ukoll jekk il-piena jew miżura tista' tikkawża restrizzjoni tal-libertà persunali tal-persuna;
e. meta l-persuna tat il-kunsens biex tiġi ċeduta, fejn xieraq fl-istess ħin li l-persuna rrinunzjat għar-regola ta' l-ispeċjalità, skond l-Artikolu 13;
f. meta l-persuna, wara ċ-ċediment tagħha, rrinunzjat espressament l-intitolament għar-regola ta' l-ispeċjalità fir-rigward ta' offiżi speċifiċi qabel iċ-ċediment tagħha. Ir-renunzja għandha tiġi mogħtija quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti ta' l-Istat membru li joħroġ il-mandat u għandha tkun reġistrata skond il-liġi domestika ta' dak l-Istat. Ir-renunzja għandha tkun magħmula f'tali mod li jkun magħmul ċar li l-persuna għamlitha volontarjament u f'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi. Għal dak l-iskop, il-persuna għandha jkollha d-dritt għal avukat;

g. fejn l-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi li ċediet il-persuna tagħti il-kunsens tagħha skond il-paragrafu 4.

23. Illi bl-ebda tiġbid tal-imaginazzjoni ma' jista jitqies illi **llum il-gurnata** teżisti xi eċċezzjoni fl-Ordni jew fil-*Framework Decision* illi tapplika ghall-kaz tal-imputat. Dan huwa filfatt rikonoxxut mill-Prosekuzzjoni illi minflok qeghda tistrieh fuq il-possibilita' illi l-Gvern Ingliz jaghti l-kunsens lill-Istat Malti illi jkun jista' jipproċedi kontra l-imputat fuq l-akkuzi in kwistjoni u dan minkejja r-*Ruling* tal-Qorti Ingliza fuq imsemmija.

24. Illi l-procedura biex isir dan hija elenkata fl-Artikolu 27.4 tal-*Framework Decision* li jipprovdi kif gej:

*"Talba għal kunsens għandha tiġi mogħtija lill-awtorità ġudizzjarja li tesegwixxi, flimkien ma' l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1) u traduzzjoni kif imsejħa fl-Artikolu 8(2). Il-kunsens għandu jkun mogħti meta l-offiża għal liema hu mitlub hi stess hi suġġetta għaċ-ċediment skond id-disposizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. Il-kunsens għandu jiġi rrifjutat fuq ir-raġunijiet imsejħin fl-Artikolu 3 u barra minn hekk jista' jiġi rrifjutat biss fuq ir-raġunijiet imsejħin fl-Artikolu 4. Id-deċiżjoni għandha tiġi meħuda mhux aktar tard minn 30-il ġurnata wara r-riċevuta tat-talba. Għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5 l-Istat Membru li joħroġ il-mandat għandu jagħti l-garanziji previsti ġo fih."*

25. Illi huwa car illi deċiżjoni bhal din mhijiex wahda illi ghandha tkarkar ghal żmien twil. Anzi, trid tittiehed fi żmien tletin (30) ġurnata minn mindu tiġi rċevuta t-talba. Issa f'dan il-kaz, fit-**8 ta' Marzu 2018** il-Prosekuzzjoni ddikjarat quddiem il-Qorti illi kien *"qed isir esercizzju sabiex titlob permess lill-Awtoritajiet Inglizi sabiex tigi rtirata r-regola tal-ispecjalita' f'dan il-kaz, b'dan illi din l-Onorabbli Qorti ikollha gurisdizzjoni tissokta bis-smiegh ta' din il-kawza"*. Jidher illi sal-gurnata tal-lum, iżjed minn sentejn wara, dan l-esercizzju ghadu ma' ġiex konkluż. Anzi, addirittura waqt l-istadju tat-trattazzjoni l-Prosekuzzjoni ssottometiet illi hi kienet qed tirriserva d-dritt illi iżjed 'l quddiem titlob dan il-permess relattiv. Li potenzjalment ifisser illi dan l-esercizzju msemmi qatt ma' nbeda u li l-Istat Malti ghadu ma' talab l-ebda permess fir-rigward ta' dan il-kaz!

26. Illi r-regola tal-ispecjalita' oriġinalment żviluppat minhabba l-biza' illi pajjiż li jkun talab ir-ritorn lilu ta' persuna akkużata b'reat kriminali ordinarju f'daqqa wahda jiddeċiedi illi jressaq akkużi kontra dik il-persuna ghal reati ta' natura politika. Illum il-gurnata din ir-regola tinsab kristalizzata fil-*Framework Decision*, liema Decizjoni kienet u ghadha intiża sabiex il-process tal-

estradizzjoni bejn l-Istati Membri ikun wiehed effiċjenti, simplifikat u minghajr teknikalitajiet eccessivi li altrimenti kienu jinqalaw fi trattati bilaterali bejn il-pajjizi. Issa huwa ferm probabbli illi eventwalment l-Istat Ingliz, jekk u malli mitlub jaghmel hekk, jaghti l-kunsens relattiv lill-Istat Malti biex ikompli b'dawn l-akkuzi kontra l-imputat. Madanakollu **sal-lum il-gurnata** dan il-kunsens ghadu ma' nghatax u lanqas ma' jista' jiġi assumit li ser jinghatha.

27. Illi kif inhu provdut fir-*recitals* tal-*Council Framework Decision* fuq imsemmi:

*"The mechanism of the European arrest warrant is based on a high level of confidence between Member States. Its implementation may be suspended only in the event of a serious and persistent breach by one of the Member States of the principles set out in Article 6(1) of the Treaty on European Union, determined by the Council pursuant to Article 7(1) of the said Treaty with the consequences set out in Article 7(2) thereof."*

28. Illi t-thaddim tal-*Framework Decision* jiddependi hafna fuq il-koperazzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri u huwa bbazat fuq il-principju ta' reciprocita'. Jekk Stat jinjora dan il-principju, jinholoq preċedent ikrah illi jista' jaffettwa r-relazzjonijiet futuri tieghu ma' Stati ohra u dan mhux biss f'materja ta' estradizzjoni. Kien ghalhekk illi l-Qorti fid-digriet taghha tat-12 ta' Dicembru 2019 kienet stiednet lill-Avukat Generali sabiex jirrispondi ghall-eccezzjoni mqajjma mill-imputat u jittratta dwarha quddiemha. **Ghal xi raġuni jew ohra, l-Avukat Generali la rrisponda u lanqas ittratta din il-materja**.

29. Illi jonqos issa li jiġi determinat x'ghandu jsir f'dawn il-proceduri sakemm (u jekk) l-Istat Malti jikseb il-kunsens relattiv mill-Istat Ingliz. Ghandha l-Qorti tiddiferixxi *sine die* sakemm isir dan? Fit-trattazzjoni tieghu l-abbli difensur legali tal-imputat sahaq illi l-istitut tas-*sine die* ma' teżistix fil-ligi kriminali taghna u li din iżjed hija prassi addottata mill-Qrati sabiex isolvu problemi prattiċi fil-kors ta' proċeduri li ghal xi raġuni jew ohra ma' jkunux jistghu ikomplu b'mod immedjat. Il-Qorti taqbel ma' dan il-punt u żżid illi f'dan il-kaz ikun ukoll inġust fuq l-imputat (u potenzjalment taghti lok ghal ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu) illi jibqa' imdendel f'dawn il-proceduri sakemm l-Istat Malti jiddeċiedi li jiehu l-azzjoni mehtiega.

30. Illi però hemm fattur iehor illi jiżboq fl-importanza tieghu l-fatturi l-ohra fuq imsemmija u din hija l-kwistjoni tal-kompetenza *o meno* ta' din il-Qorti illi tisma' jew tkompli tisma' dan il-kaz. Kif semma tajjeb id-difensur legali tal-imputat waqt it-trattazzjoni tieghu, din il-materja kienet ġiet trattata f'certu dettal

f'artiklu miktub mill-Professur S.Z. Feller fl-"*Israel Law Review*" (pubblikazzjoni ta' *Cambridge University Press*)[8]:

"*The rule therefore, has two aspects, the "specificness of extradition" and the "limitation of competence", which, although they are intertwined and interdependent, each has its own characteristics. They are to be viewed from the standpoint of the position of the State-whether as requested to extradite or requesting extradition-and the part the State plays in applying the principle...*

*... This competence is restricted as far as concerns its material limits in accordance with the specificness of the extradition acceded to by the requested State.Thus no person can be tried and punished in the requesting State, for offences he committed before the surrender, except within the limits set for the specificness of extradition by the requested State. In our view, this is the complete and precise bilateral structure of the speciality principle. The "specificness of extradition" and the "limitation of competence" are superimposed upon each other, stem naturally from each other, and even match each other, as is characteristic of contractual relations, built on a basis of mutual good faith, equality and respect between States. The "specificness of extradition" and the "limitation of competence" are two facets of the speciality principle, without which the principle itself would be devoid of all legal significance. They go together so that without the second component the first would collapse and without the first there would be no need for the second.*

*...the limitation of competence, namely the second aspect of the speciality principle, is a rule of customary international law, insofar as the States maintain extradition relations between themselves either on the basis of extradition agreements only or on an ordinary basis...* ***States which maintain extradition relations between themselves have no option but to observe the limitation of competence; the alternatives are either to observe it or to waive their extradition relations completely-tertium non datur*** *(emfasi miżjuda mill-*Qorti*). The concept of "extradition" necessarily includes the limitation of competence as an expression of the constant and obligatory correlation between the competence of the requesting State to try and punish the wanted person in rem, and the specificness of extradition ratione materiae and in rem as practised by the requested State. Therefore, we have to consider the limitation of competence as an inherent attribute of extradition relations, implied in all international law,*

[8] Feller, S. (1977). Reflections on the Nature of the Speciality Principle in Extradition Relations. Israel Law Review, 12(4), 466-525

*including agreement, which regulates such relations and is designed to serve as a basis for their normal maintenance."*

31. Illi l-Qorti taqbel bis-shih mal-argument illi l-kwistjoni tal-inkompetenza ta' Qorti ta' pajjiż li tisma' akkużi kontra persuna illi jkun gie ritornat lejn dik il-gurisdizzjoni fuq akkużi ohra, hija wahda *sine qua non* fir-regola fundamentali tal-ispecjalita' fl-estradizzjoni.

32. Illi f'dawn ic-cirkustanzi l-Qorti triq wahda ghandha quddiemha u hija dik it-triq li ser tiehu. Il-Qorti m'ghandha l-ebda kompetenza tkompli tisma' din il-kawza (u filfatt ma' kellha l-ebda kompetenza tkompli tismaghha minn mindu l-imputat gie rritornat lura Malta) u ma' tistax hlief tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni taghha.

33. Illi l-eccezzjoni sollevata mill-imputat tar-regola tal-Ispecjalita' hija ghaldaqstant fondata ghaliex tali regola hija effettivament impediment ghat-tkomplija ta' dawn il-proceduri.

**Decide**

34. **Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-imputat tar-regola tal-Ispecjalita', tiddikjara illi m'hijiex kompetenti li tkompli tisma' din il-kawza u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi odjerni migjuba fil-konfront tal-imputat.**

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**